32004R0655

L 104/48 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 8.4.2004

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 655/2004
## tas-7 ta' April 2004
## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 466/2001 fir-rigward ta' nitrat f'ikel ghal trabi u tfal żgħar

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jippreskrivi l-proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel ([1]), u b'mod partikolari Artikolu 2(3) tiegħu,

Wara li konsultat il-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel,

Billi:

(1) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 466/2001 ([2]) jiffissa livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-ikel, inkluż ikel maħsub għat-trabi u ghal tfal żgħar kopert bid-Direttiva tal-Kummissjoni 96/5/KE tas-16 ta' Frar 1996 dwar ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u ikel għat-trabi u ghal tfal żgħar ([3]).

(2) Skond ir-Regolament (KE) Nru 466/2001 għandhom jiġu stabbiliti livelli massimi ta' kontaminanti għal ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar sal-5 ta' April 2004.

(3) Il-livelli massimi għan-nitrat huma fissati għal ċerti ħxejjex fir-Regolament (KE) Nru 466/2001 kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 563/2002 ([4]) b'reazzjoni għall-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel ta'l-1995. Sabiex tkun protetta s-saħħa pubblika, b'mod partikolari minħabba l-assoċjazzjoni possibbli mal-formazzjoni ta' sustanzi ċarċinoġeniċi bħal nitrosamini, l-livell tan-nitrat għandu jitnaqqas għal dak l-aktar baxx li jista' raġonevolment jinkiseb

(4) Huwa xieraq għall-protezzjoni tas-saħħa tat-trabi u t-tfal żgħar - li jiffurmaw grupp vulnerabbli tal-popolazzjoni - li jiġi stabbilit livell baxx massimu, li jista' jinkiseb permezz tal-għażla stretta tal-materja prima wżata fil-manifattura ta' ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u ikel tat-trabi.

(5) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/63/KE ([5]) tistabbilixxi metodi tal-Komunità ta' kampjonar għall-kontroll uffiċjali ta' fdalijiet ta' pestiċidi fi u fuq prodotti ta' pjanti u ta' oriġini mill-annimali u tħassar id-Direttiva 79/700/KEE ([6]). Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva huma xierqa għall-ikkampjunar għall-kontroll uffiċjali tan-nitrat.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 466/2001 ghandu għaldaqstant jiġi hekk emendat.

(7) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi ma "l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali,"

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I li jinstab mar-Regolament (KE) Nru 466/huwa emendat skond l-Anness li jinsab ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità Ewropea*.

Huwa għandu jgħodd mill-1 ta' Ottubru 2004.

Dan ir-Regolament ma għandux jgħodd għall-prodotti li tqegħdu fis-suq qabel l-1 ta' Ottubru 2004 b'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli. Il-piż tal-prova meta l-prodotti kienu tqegħdu fis-suq għandu jinġarr mill-operatur tan-negozju ta "l-ikel."

([1]) ĠU L 37, tat-13.2.1993, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1).
([2]) ĠU L 77, tas-16.3.2001, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 455/2004 (ĠU L 74, tat-12.3.2004, p. 11).
([3]) ĠU L 49, tat-28.2.1996, p. 17. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2003/13/KE (ĠU L 41, 14.12.03, p. 33).
([4]) ĠU L 86, tat-3.4.2002, p. 5.
([5]) ĠU L 187, tas-16.7.2002, p. 30.
([6]) ĠU L 207, tal-15.8.1979, p. 26.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' April 2004.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

F'Taqsima 1., Nitrati, ta'l-Anness I il-punt 1.5 li ġej huwa miżjud:

| "Prodott | Livell massimu (mg $NO_3$/kg) | Metodu ta' kampjonar | Metodu ta' referenza ta'l-analiżi |
|---|---|---|---|
| 1.5. Ikel tat-trabi u ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali għat-trabi u t-tfal żgħar ([1]) ([2]) | 200 | Direttiva tal-Kummissjoni 2002/63/KE (dispożizzjonijiet kif previsti għal ikel ipproċessat ta' oriġini mill-pjanti u għal ikel ipproċessat ta' oriġini mill-annimali) | |

([1]) Ikel tat-trabi u ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali għat-trabi u t-tfal żgħar kif definit f'Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 96/5/KE tas-16 ta' Frar 1996 dwar ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u ikel għat-trabi u tfal żgħar. Il-livelli massimi għandhom jgħoddu għall-prodotti kif proposti lesti għall-konsum jew kif rikostitwiti skond istruzzjonijiet mill-manifatturi.

([2]) Il-Kummissjoni għandha tirreferi l-livelli massimi għan-nitrat f'ikel għat-trabi u għal tfal żgħar sal-1 ta'April 2006 waqt li tagħti kont tal-progress fl-għerf xjentifiku u tekniku."